**MINUTI**

**Minuti tas-47 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi**

**It-tmien leġiżlatura**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar l-Erbgħa 17 t'Awissu, 2022, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsillier Daniel Farrugia
Il-Kunsilliera Marion Parnis
Il-Kunsillier Charles Zerafa

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

Kulħadd kien preżenti.

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

**Minuti**

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**47.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**47.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**47.2** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**47.2.1** Il-Minuti tal-46 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Charles Zerafa propona l-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Marion Parnis issekondat.
Il-Kunsill unanimament approva l-Minuti bħala dokument korrett.

**47.3** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**47.3.1** Ma kienx hemm komunikazzjoni taħt dan l-item.

**47.4** **MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

**47.4.1** Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi aġġornament dwar il-kwistjoni ta' Triq il-Ġwiewel. Is-Sindku wieġeb li kien tkellem ma' sid l-għalqa li ma qabilx li jgħaddi pipe mill-propjeta tiegħu. Is-Sindku qal li anka propona li jittella l-ħajt imġarraf. Is-sid qal li, bl-espropriazzjoni huwa kien ħa jitlef u mhux jigwadanja. Is-Sindku qal li hemm bżonn tinstab alternattiva effikaċi bl-inqas spejjeż u l-inqas manutenzjoni.

**47.4.2** Il-Kunsillier Marion Parnis qalet li l-isleeping police fi Triq Ġużeppi Depiro ma twaħħlitx fejn kienet u peress li hemm problema fil-livell tat-triq qed takkumula l-ilma. Is-Sindku qal li din kienet twaħħlet quddiem min talabha. Huwa kompla jgħid li biex tissolva l-problema tal-ilma tista' titnaqqas biċċa mill-ġenb.

**47.4.3** Is-Sindku qal li qed jiġu identifikati toroq oħra fejn hemm problema ta' għargħar u propona li jsir rapport minn tekniku biex tinstab soluzzjoni għal dan.

**47.5** **RAPPORTI**

**47.5.1** Ma kienx hemm rapporti.

**47.6** **PARKING BAYS FI TRIQ SANT'ANNA**

**47.6.1** Is-Sindku qal li kellmuh xi residenti minħabba l-bankina li saret minħabba problema ta' overflow fit-triq u li normalment tintuża biex jipparkjaw fuqha, u qed jaqilgħu iċ-ċitazzjonijiet. Is-Sindku qal li wara li ra l-każ, jipproponi li l-Kunsill jikteb lil TM u lil LESA minħabba dan il-każ partikolari fejn jiġi spjegat li din il-'bankina' ma tintużax mill-pedestrians iżda qegħda għal skop ta' overflow u nistennew direzzjoni.

**47.7 XOGĦOLIJIET F'WIED IŻ-ŻURRIEQ**

**47.7.1** Is-Sindku ilmenta rigward nuqqas ta' konsultazzjoni mill-awtoritajiet. Hu qal li sar xogħol ta' konkrit taħt it-tinda f'Wied iż-Żurrieq u l-Kunsill sar a konoxxenza ta' dan biss meta sar il-permess għall-makkinarju.

**47.8 SKEMA SPI/SCI/7/2022 – WORLD CLEANUP CAMPAIGN 2022**

**47.8.1** Is-Sindku qal li l-ebda Kunsillier ma kien għamel kuntatt miegħu biex jieħu l-inkarigu ta' din l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li l-applikazzjoni fiha ħafna xogħol u m'għandux ċans minħabba mpenji oħra. Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li mhix lesta taħdem fuqha weħidha. Hu qal li din l-applikazzjoni issa hija magħluqa.

**47.9 SKEMA SPI/SCI/8/2022 – FINANZJAMENT MILIED 2022**

**47.9.1** Is-Sindku qal li r-Reġjun Punent proponew church hopping mill-Qrendi għall-Imdina, kif ukoll banda minn Żurrieq li tiġi ddoqq il-Qrendi. Huwa qal li l-Kunsill mhux obbligat li jidħol fl-applikazzjoni mar-Reġjun. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsilli li japplikaw mar-Reġjun għandhom joħorġu huma is-sehem ta' 20% mit-total tal-fondi. Wara diskussjoni dwar is-suġġett, is-Sindku talab li tittieħed deċiżjoni jekk il-Kunsill hux ser jidħol fl-applikazzjoni mar-Reġjun. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li jissieħeb f'din l-applikazzjoni mar-Reġjun.

**47.10 SITWAZZJONI DWAR L-IMPJIEG TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U CLERK FUQ SKALA 15**

**47.10.1** Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni għall-impjieg ta' Segretarju Eżekuttiv għadha l-istess, cioe li għalissa ma jistgħux jinħarġu sejħiet.

**47.10.2** Is-Sindku qal li l-proċess għall-ingaġġ ta' clerk fuq skala 15 beda. Wara li saret sejħa interna, ma kienet riċevuta l-ebda applikazzjoni. Ġie nfurmat id-Dipartiment kif ukoll il-Jobsplus fejn issa qed nistennew li tintbagħat lista ta' persuni bir-rekwiżiti minimi biex ikunu jistgħu japplikaw.

**47.10.3** Is-Sindku qal li kif diġa jafu, kienu infurmati kemm id-Dipartiment, l-AKL, saħansitra il-Ministeru u s-Segretarju Permanenti li fil-ġranet bejn il-15 u s-27 ta' Settembru 2022, l-unika impjegata amministrativa ser tkun bil-vacation leave u sal-lum għadha ma ġiet offruta l-ebda soluzzjoni u lanqas direzzjoni. Għaldaqstant, il-Kunsill ma fadallux għażla oħra ħlief li għal dawk il-ġranet, l-uffiċċju jinżamm magħluq. Is-Sindku propona li tinkiteb ittra f'dan is-sens u tintbagħat lill-awtoritajiet konċernati. Din l-ittra għandha tkun iffirmata mill-Kunsill kollu. Il-Kunsill unanimament qabel.

**47.11 SITWAZZJONI TA' PROCUREMENT U ĦRUĠ TA' TENDERS**

**47.11.1** Is-Sindku qal li fadal xi proċeduri biex tingħalaq l-evalwazzjoni tat-tender tat-tindif non urban minħabba li kien hemm xi problemi fir-rights tas-sistema online. Is-Sindku qal li bħalissa qiegħed fil-fażi tal-perjodu ta' appell.

**47.11.2** Is-Sindku qal li beda l-proċess biex jinħarġu it-tenders:

- Restoration of Assets and Cultural value (QLC-RSKP49/22)
- Patching of roads in the locality of Qrendi (QLC-RRPW49/22)
- Supply, delivery, instalaltion and commissioning of 1 passenger lift at Qrendi Local Council Premises (QLC19/22)
- Concrete Imprint Works in various alleys in Qrendi (QLC18/22)
- Street Sweeping Service for Qrendi Local Council (QLC-SSCC 49/22)

**47.11.3** Is-Sindku talab biex il-Kunsill jaħtar bord ta' evalwazzjoni għal dawn it-tenders. Huwa propona l-membri tal-bord kif jidhru hawn taħt:

- Stephania Grixti - Chairman (PO/ESR)
- Dr Tiffany Attard - Member (PO/ES)
- Christian Gravina - Member (PO/ES)
- David Schembri - Member (PO/ES)
- Ritienne Giorgino - Secretary to the Committee (PO/TC + PO/ES)

Il-Kunsillier Charles Zerafa issekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-formazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni għat-tenders imsemmija hawn fuq.

**47.12** **MEASURE 1 (GAL) – RESTORATION OF ASSETS OF CULTURAL AND TOURISTIC VALUE**

Is-Sindku qal li kif diġa informa qabel, beda l-proċess biex jinħareġ it-tender għal dan il-proġett. Is-Sindku propona li l-espert tal-arti Daniel Bugeja jkun assenjat bħala konsulent fl-evalwazzjoni biex jassisti l-bord. Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan.

**47.12.1** **Ħatra tal-Bord tal-Għażla**

Il-bord tal-għażla għal dan it-tender kien maħtur kif jidher hawn fuq.

**47.13** **ATTIVITA' ANZJANITA' ATTIVA 2022**

**47.13.1** Is-Sindku informa li kien ħareġ il-kalendarju ta' attivitajiet għall-anzjani mid-Dipartiment Anzjanità Attiva u Kura fil-komunità immirat għall-anzjani, li jinkludi numru ta' taħditiet u ħruġ kulturali. Dan il-programm ta' 8 sessjonijiet huwa mmirat lejn dawk l-anzjani li jixtiequ jiltaqgħu ma' anzjani oħra, isiru jafu iżjed fuq suġġetti varji inkluż l-Istorja ta' Malta, u jżuru postijiet ta' interess. Is-Sindku qal li dan il-proġramm huwa interessanti ferm għall-anzjani u propona li ssir promozzjoni tiegħu fiċ-ċentru tal-anzjani, kif ukoll nistaqsu informazzjoni dwar transport għal min jixtieq jattendi.

**47.14** **SKOLA SAJF – QRENDI**

Is-Sindku qal li kien hemm talba biex il-Kunsill jiprovdi transport għal ħarġa edukattiva u kulturali lit-tfal ta' skola sajf. Il-Kunsillier Daniel Farrugia propona li l-Kunsill jiprovdi transport għal spiża li ma taqbiżx il-€120. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

**47.15 UNIVERSAL PEACE WALK MINN XIRICAMMINI**

Is-Sindku qal li hemm proposta fuq bażi reġjonali ta' mixja fit-18 ta' Settembru 2022 li tinkludi San Mattew u Tal-Ħniena fil-Qrendi. Dan il-proġett huwa appoġġjat minn MTA. Huwa qal li l-mixja hija bbażata fuq il-cammino di compostela u tinvolvi diversi atttrazzjonijiet kulturali fir-reġjun, fejn jeħlu sinjali ta' direzzjoni tul il-mogħdija. Huwa qal li propona wkoll passaport lill-parteċipanti li jiġi ttimbrat bit-timbru tal-lokalita'. Is-Sindku qal li hija inizjattiva pożittiva li l-Kunsill jipparteċipa f'din il-mixja kulturali. Il-Kunsilliera Marion Parnis proponiet il-parteċipazzjoni. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

**47.16 FINANZI:**

**47.16.1 APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT (Q2) – APRIL-ĠUNJU 2022**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tar-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena. Is-Sindku staqsa jekk hemm xi mistoqsijiet fir-rigward. Il-Kunsillier Charles Zerafa propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Daniel Farrugia issekonda. Il-Kunsill unanimament approva r-rapport kif preżentat.

**47.16.2 MANAGEMENT LETTER U R-RISPOSTA TAL-MANAGAMENT LETTER**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat il-management letter mill-udituri kif ukoll ir-risposta għal management letter. Wara li qraw il-kontenut, is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

**47.17 APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

**47.18 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-6.10 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 19 ta' Settembru 2022

David Schembri MQR — Sindku

Ritienne Giorgino — Deputat Segretarju Eżekuttiv